**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru, 2024**

**Talba Nru: 256/2024MD**

**Francis Zammit (KI 0322757M)**

**Vs**

**Clare Gatt (KI 563175M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fis-17 ta' Settembru, 2024[1] permezz ta' liema l-attur talab sabiex l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' elfejn, sitt mija u tmienja u għoxrin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżimu (€2628.59) rappreżentanti bilanċ ta' prezz dovut mill-konvenuta lill-attur għax-xiri mingħand l-istess attur tal-Minibus tal-marka Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni OOO 228 skont skrittura datata s-16 ta' Marzu, 2018; bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 448/2024 u tal-mandat imressaq kontestwalment u bl-imgħax legali.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 11 ta' Ottubru, 2024[2] permezz ta' liema eċċepiet:

1. *Illi din hija r-risposta għat-talba tal-attur, fejn huwa qed jitlob l-ammont ta' elfejn, sitt mija u tmienja u għoxrin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżimu (€2628.59) rappreżentanti allegat ammont dovut lill-attur għax-xiri ta' Minibus Marka Citroen minnha mixtrija u konsenjata;*

2. *Illi l-esponenti hija tal-umli fehma illi t-talbiet tal-attur għandhom jiġu respinti għax huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tal-attur.*

---

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

[2] A fol 7 tal-proċess

*Bl-ispejjeż kontra is-soċjeta' rikorrenti.*

Ra li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2024[3], l-avukat difensur tal-konvenuta rreġistra ammissjoni.

Ra li fl-istess seduta l-avukat difensur tal-konvenuta talab li l-ammont dovut, anke tenut kont l-ammissjoni saret fi stadju bikri, jiġi mqassam f'pagamenti mensili ta' mitt Ewro (100) fix-xahar u dan oltre mill-mandat ta' sekwestru li għandu jibqa' fis-seħħ sal-ħlas kollu, u ingħad ukoll tenut kont mill-qagħda finanzjarja prekarja tal-konvenuta u anke *in linea* mal-prinċipju li qiegħda fl-impossibilita' li tħallas l-ammont minnufih.

Ra r-risposta tal-attur li ssottometta li l-forum odjern m'għandux il-kompetenza li jiddetermina l-modalita' ta' pagament jew pagamenti taż-żmien. Dan jista' jsir biss f'każ ta' ftehim bejn il-partijiet. Fin-nuqqas ta' ftehim u in vista tal-ammissjoni ċara għat-talba tal-attur kif dedotta, l-attur jitlob lit-Tribunal jgħaddi minnufih għas-sentenza billi jilqa' t-talbiet u t-talba kif dedotta bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra li l-konvenuta ammettiet għat-talbiet kif dedotti mill-attur.

Ikkunsidra li ma hemmx qbil bejn il-partijiet sabiex is-somma reklamata mill-attur titħallas b'pagamenti mensili.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi billi jikkundanna lil konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma kumplessiva ta' elfejn, sitt mija u tmienja u għoxrin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżimu (€2628.59) rappreżentanti bilanċ ta' prezz dovut mill-konvenuta lill-attur għax-xiri mingħand l-istess attur tal-Minibus tal-marka Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni OOO 228 skont skrittura datata s-16 ta' Marzu, 2018, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, u tal-ittra uffiċjali bin-numru 448/2024 u tal-mandat imressaq kontestwalment jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[3] A fol 8 et seq tal-proċess